MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 560/2004

**Emmanuel Ellul**

**vs**

**Joseph Ebejer**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' sebghin lira Maltin (Lm70) rappresentanti ammont dovut fuq kambjala datata 24 ta' Gunju 2003 (kopja annessa ma'l-avviz bhala Dokument A), liema kambjala giet ippresentata lill-konvenut ghal hlas u baqghet ma thasllitx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ipprezentat kontra l-konvenut u bl-imghax legali mid-data ta'l-kambjala kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm awtorizzat jipprezenta r-risposta tieghu b'digriet tad-9 ta' Lulju 2004, l-konvenut naqas li jaghmel dan fiz-zmien moghti u lanqas deher ghas-seduti quddiem it-Tribunal sabiex jaghti x-xhieda tieghu.

Sema' x-xhieda ta'l-attur li ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut u inoltre ipprezenta l-original tal-kambjala mertu tal-kawza li giet immarkata bhala Dokument EL1.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' sebghin lira Maltin (Lm70), bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' Gunju 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-mandat kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------